# Djarju 2010-2011

### 31 t'Awwissu 2010
Sar il-funeral ta' Ġamri Cini, membru tal-Każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw fil-funeral.

### 9 ta' Settembru 2010
Il-President u l-Kumitat attendew għall-ftuħ tal-Iljieli Melleħin fil-Pjazza tas-Santwarju.

### 11 ta' Settembru 2010
Il-Kor Imperial esegwixxa programm vokali fl-okkażjoni tal-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-bitħa tas-Santwarju taħt id-direzzjoni ta' Mro Shirley Helleur.

### 12 ta' Settembru 2010
Tliet gruppi mill-Kunsilli ta' Adenau fil-Germanja, ta' Cavriglia fl-Italja u Agia Napa f'Ċipru attendew għal riċeviment fil-Każin tal-Banda Imperial. Dawn kienu l-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Iljieli Melleħin.

### 14 ta' Settembru 2010
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

### 3 t'Ottunru 2010
Il-Kor Imperial ħa sehem waqt quddiesa li saret fil-Laboratorju tal-Paċi Ħal Far, immexxija minn Patri Dionisju Mintoff, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk u fl-okkażjoni ta' Jum l-Ambjent.

### 22 t'Ottubru 2010
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal Seminar fis-*Solana Hotel*, organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa flimkien ma' delegazzjoni mir-Reġjun ta' Sqallija.

### 14 ta' Novembru 2010
Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għar-ruħ il-mejtin kollha tas-Soċjetà Imperial. F'din il-quddiesa ħa sehem il-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-ċimiterju fejn indaqqet fanfarra mill-membri tal-Banda Imperial, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.

### 17 ta' Novembru 2010
Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt laqgħa u ikla għall-Kumitat Ewropew tat-Turiżmu fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara l-membri tal-Banda ġew mistiedna għar-riċeviment taħt it-tinda fl-istess pjazza.

### 19 ta' Novembru 2010
Saret ikla annwali għall-bandisti u membri tal-kor flimkien man-nisa u l-irġiel tagħhom fil-Każin.

### 23 ta' Novembru 2010
Il-President u l-Kumitat attendew għall-quddiesa fil-Knisja f'Ta' Xbiex, fl-okkażjoni tal-pussess ta' Patri Wistin Vella bħala Kappillan ġdid ta' din il-Parroċċa. Patri Wistin huwa patri Karmelitan, mill-Mellieħa.

### 25 ta' Novembru 2010
Fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katarina, il-Kor Imperial ħa sehem waqt quddiesa li saret fil-kappella tas-Sorijiet Agostinjani tal-Klawsura fil-Belt Valletta.

### 1 ta' Diċembru 2010
Sar il-funeral tas-Sur Gużeppi Debono, membru onorarju tal-Każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw fil-funeral.

### 5 ta' Diċembru 2010
Daqq ta' marċi brijużi mill-Banda Imperial fid-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi.

### 8 ta' Diċembru 2010
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-Festa tal-Kunċizzjoni ġewwa Bormla.

### 15 ta' Diċembru 2010
Il-Banda Imperial daqqet programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa l-*Mellieħa Holiday Centre*, il-Mellieħa.

### 19 ta' Diċembru 2010
Il-Kor Imperial esegwixxa Kunċert Korali taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Parroċċa fl-okkażjoni ta' Milied Mellieħi organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa l-*Barcelo Riviera Hotel and Spa*, il-Mellieħa.

### 24 ta' Diċembru 2010
Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Parroċċa fl-okkażjoni ta' Milied Mellieħi organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

### 31 ta' Diċembru 2010
*Dinner Dance* tal-aħħar tas-sena fil-Każin.

### 5 ta' Frar 2011
Il-President u membri tal-Kumitat attendew għall-quddiesa fil-Knisja ta' San Pawl tal-Belt, fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju minn meta laħaq Kappillan għall-ewwel darba l-Kanonku Alfred Camilleri. Il-Kan. Camilleri serva għall-ewwel darba bħala Kappillan proprju fil-parroċċa tal-Mellieħa.

### 6 ta' Frar 2011
Il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali flimkien, fis-sala tal-Iskola tal-Imġarr, fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Imġarr' organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, Malta.

### 18 ta' Frar 2011
Sar il-funeral tas-Sur Alfred Fenech, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw fil-funeral.

### 20 ta' Frar 2011
Sar il-funeral tas-Sur Ġamri Cini, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw fil-funeral.

### 24 ta' Frar 2011
Il-President, il-Kumitat Direttiv u l-Kumitat tan-Nisa attendew għall-attività fil-*Golden Sands Hotel* fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

### 27 ta' Frar 2011
Fil-Każin saret żjara mill-President ta' Malta Dr George Abela . Wara, il-Banda Imperial ħadet sehem waqt marċ fejn ġie inawgurat Ġnien il-Volontarjat fl-Għoljiet tal-Mellieħa.

### 2 ta' Marzu 2011
Fil-Każin sar festin b'rispett lejn il-kappillan tal-Mellieħa, Dun Karm Mercieca, li kien spiċċa minn din il-parroċċa.

### 25 ta' Marzu 2011
Fil-Każin Imperial sar il-ftuħ ta' wirja t'Arti u Artiġjanat Mellieħi, mill-Kappillan il-ġdid tal-Mellieħa, ir-Rev Fr Joe Caruana, li kienet organizzata mill-Grupp Żgħażagħ tal-Banda Imperial.

### 1 t'April 2011
Sitt klassijiet mill-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa ġew iżuru l-wirja t'Arti u Artiġjanat Mellieħi mtellgħa fil-Każin Imperial.

### 7 t'April 2011
Sar il-funeral tas-Sur Charlie Abela, membru tal-Każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw fil-funeral.

### 12 t'April 2011
Il-Kor Imperial ħa sehem fil-ftuħ tal-Mejda tal-Appostli fiċ-Ċentru Parrokkjali. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

### 13 t'April 2011
Fuq stedina mill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika La Vittoria, delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-inawgurazzjoni tal-Mejda tal-Appostli fl-istess Każin.

### 17 t'April 2011
Kunċert annwali mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.

### 11 ta' Mejju 2011
Żjara kulturali minn tliet klassijiet mill-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa fil-Każin Imperial.

### 22 ta' Mejju 2011

Fl-okkażjoni tal-20 Anniversarju mill-miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II fis-Santwarju tal-Mellieħa u l-anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-istess Santwarju, saret Kuruna tar-Rużarju li l-Għaqda Mużikali Imperial ħadet sehem billi ġie reċitat ir-rużarju mill-membri tagħha.

### 5 ta' Ġunju 2011

Il-Banda Imperial ħadet sehem fl-okkażjoni tal-pusses ta' Dun Joe Caruana bħala l-Kappillan ġdid tal-Mellieħa. Wara l-quddiesa l-Banda wasslet lill-Kappillan ġdid mill-Knisja Parrokkjali sal-Bitħa tas-Santwarju, fejn sar festin.

### 25 ta' Ġunju 2011

Fil-Każin sar festin ad unur Dun Joe Caruana, il-Kappillan il-ġdid tal-Mellieħa. Il-president ippreżenta rigal lill-Kappillan bħala tifkira ta' din l-okkażjoni.

### 26 ta' Ġunju 2011

Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

### 28 ta' Ġunju 2011

Il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem waqt il-Festa tal-Ħġejjeġ ta' San Ġwann organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa.

### 1 ta' Lulju 2011

Daqq ta' fanfarra mill-membri tal-Banda fil-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri mill-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

### 10 ta' Lulju 2011

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

### 12 ta' Lulju 2011

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' San Sebastjan iċċelebrata f'Ħal Qormi.

### 30 ta' Lulju 2011

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Premjazzjoni lill-Isportivi Melleħin organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

### 1 t'Awwissu 2011

Fuq stedina tal-President u l-Kumitat tal-Banda San Piju X ta' Ħal Lija, delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Programm Mużikali mill-istess Banda u kxif ta' bust tas-Surmast Anthony Sammut A. Mus. L.C.M., f'għeluq għoxrin sena mill-mewt tiegħu.

### 14 t'Awwissu 2011

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Mosta.

### 21 t'Awwissu 2011

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

### 28 t'Awwissu 2011

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.



Tel: 2752 4547 (home)
Mob: 9947 7427

DAILY FRESH IS BEST

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

Specially in Mellieħa